# Minuti

## Seduta Nru. 14/2011

Data: Il-Ġimgħa, 26 t'Awwissu 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri - *Membru*
Mario Xuereb - *Membru*
Rudolph Cini - *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida;
- John Mary Zahra (Jimmy), Membru tal-Kumitat, kien skużat minħabba impenji oħra.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti - *Supply and Installation of Artificial Turf at Triq Il-Balliju ta' Guttenberg, Playing Area, Msida;*
5. Korrispondenza;
6. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq

## Kontenut


Annex A Minuti 14/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni




***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 14/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:35pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 13/2011 li saret nhar il-15 ta' Lulju 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Is-Sur Mario Xuereb qal li kellem lis-Superjur fejn qallu li ser joħroġ ittra lill-ġenituri meta jibda' t-term tax-xitwa ħalli joqgħodu attenti kif jidħlu bil-karozzi fit-triq meta jmorru biex jiġbru t-tfal.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li issa l-*parking* sar u fil-fatt irċieva email mis-Sinjura Maria Theresa Aquilina fejn irringrazzjat lill-Kumitat. Is-Sinjura Aquilina talbet ukoll li ssir rampa mal-bankina fejn *ir-reserved parking* sabiex il-*wheelchairs* ikunu jistgħu jitilgħu il-bankina.

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

3.2.1 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li l-parkeġġ riservat li sar, avolja iċ-Ċentru sodisfatti biha, hija pjuttost żgħira u issuġġeriet li magħha jittieħed post ta' parkeġġ sabiex tingħaqad ma li hemm u jkun hemm spazju biżżejjed.

3.2.2 Il-Kumitat approva s-suġġeriment tas-Sinjura Spiteri kif ukoll approva li ssir rampa mal-bankina.

**3.3** **Fuq punt 3.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kumitat, meta ltaqa' nhar il-25 ta' Lulju 2011 iddeċieda li t-tabelli jitwaħħlu fejn ġej:

Tabelli ta' Informazzjoni tal-Ħwienet fit-Toroq.

1) Faċċata tal-HSBC;
2) Fid-Daħla tas-Swatar.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellux iċ-ċans jiltaqa' mas-Sindku ta' Birkirkara sabiex jiddiskuti miegħu fejn ser isiru dawn it-tabelli ta' informazzjoni tal-ħwienet.

3.3.1 Il-Kumitat iddeċieda li għandha ssir laqgħa mhux biss mas-Sindku iżda mal-Kunsill kollu sabiex jiġu diskussi *issues* li jolqtu kemm il-Kumitat Amministrattiv kif ukoll il-Kunsill u din il-materja tiġi diskussa dak in-nhar stess.

**3.4** **Fuq punt 3.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ltaqa' mal-kumpanija *Firetech* fejn qalulu li għandhom diversi sistemi ta' *gates* elettroniċi li tajjeb li l-kumpanija jkollha eżatt x'għandu f'moħħu l-Kumitat. Għandhom ukoll sistemi bil-kera.

Problema ta' Parkeġġ ġewwa s-Swatar.

3.4.1 Il-Kumitat iddeċieda li ssir laqgħa mal-Kumpanija *Firetech* fejn barra l-Kumitat, ikun hemm ukoll il-Kappillan Fr Gordon.

**3.5** **Fuq punt 3.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fuq is-siti perikolużi, is-sitwazzjoni għada l-istess avolja kien hemm diversi korrispondenza kemm mal-MEPA kif ukoll mal-Pulizija. Siti Perikolużi.

3.5.1 Il-Kumitat iddeċieda li jekk jibqa' ma jsir xejn sa ħmistax 'l ġurnata oħra, issir *press conference*.

3.5.2 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li s-sit perikoluż fil-kantuniera ta' Triq il-Qampiena, għalkemm tneħħa l-periklu, dan ma sarx kif suppost u għandu jiġi rrapurtat lill-MEPA.

**3.6** **Fuq punt 3.6 -** Il-Kumitat iddeċieda li jiġi kkonfermat jekk mhux ser issir l-attivita' ta' Settembru 2011 li kellha tiġi organizzata mil-Kunsill lokali ta' Birkirkara. Attivita' fis-Swatar

**3.7** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntatja lis-Sinjura Vanessa sabiex il-Kumitat jiltaqa' magħha rigward il-Kunsill taż-Żagħżagħ. Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.8** **Fuq punt 3.9 –** Iċ-*Chairperson* qalet li rigward il-proġett tal-bankina ta' quddiem is-St Martin's College, l-iskola ser tibda' u għadu ma sar xejn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li s-Sur Nello Calleja bagħat għal permess mit-TM u baqa' miegħu li jekk ma jkollux risposta fi żmien ġimgħa kellu jikkuntatja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Sallum għadu ma kkuntattjahx. Taffiku quddiem is-St Martins College.

3.8.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jġib aġġornament fuq f'hiex wasal il-proġett.

3.8.2 **Fuq punt 3.9.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rraporta lis-Sanita' rigward l-*iscammels* fejn irċieva lura li ser jinvestigaw u jikkuntattjawh meta l-problema tiġi solvuta. Qal ukoll li mill-banda l-oħra, l-Kunsill tal-Imsida bagħat email lill-Pulizija fejn qallu li l-Kunsill ilu jirraporta fuq dan il-każ u jesiġi li jinħarġu l-multi. Scammels

**3.9** **Fuq punt 3.10 -** Iċ-*Chairperson* qalet li ser tiltaqa' ma' Profs Sultana nhar it-Tlieta, 30 t'Awwissu 2011, fil-5:30pm, fejn minn naħa tiegħu għandu jinforma lill-Kumitat bid-dettalji fuq meta ser jibda l-kors u d-dati tal-kors kollu. Din l-informazzjoni hija mportanti sabiex tiġi imħabbra waqt il-*press conference*. Kampanja BLS

3.9.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li l-*press conference* li kellha ssir fil-5 ta' Settembru 2011 ma tistax issir.

3.9.2 Il-Kumitat iddeċieda li s-Sur Xuereb għandu jiċċekkja jekk il-*press conference* tistax issir fid-9 ta' Settembru 2011. Din għandha ssir fis-sala tal-Kunsill tal-Imsida.

**3.10** **Fuq punt 3.12 –** Ara d-deċiżjoni tal-Kumitat fuq **Punt 3.4.** Problema ta' Parking Ġewwa s-Swatar

**3.11** **Fuq punt 3.13 –** Il-Kumitat approva t-toroq kollha li trid tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku tagħhom u dawn għandhom jintbgħatu lit-TM għall-approvazzjoni fejn fl-istess email jiġu kkupjati l-Kunsilli rispettivi. Traffic Management

**3.12** **Fuq punt 3.13.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fit-23 t'Awwissu 2011 kellu laqgħa mal-kumpanija Arriva fejn kien hemm preżenti wkoll iċ-*Chairperson*, Is-Sinjura Yvonne Spiteri kif ukoll s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida u membri tal-istess Kunsill. Il-Kumitat ippreżentalhom ir-rapport li ġie mitlub li jintbgħat qabel u ġie diskuss waqt il-laqgħa (Rapport mehmuż). Fuq ir-Rotta 31, din mhux possibli li tinbidel għax skont l-Arriva, fix-xitwa ser tintuża ħafna mill-istudenti tal-Universita'. Fuq ir-Rotta 110, l-Arriva ser tipprova tara kif tista' tbiddel ir-rotta u terġa tibda tmur il-Belt għalkemm hemm problema li il-Bus Terminus tal-Belt m'hemmx spazju iktar fejn din tieqaf. Fuq ir-Rotot 41, 42 u 43, l-Arriva qalet li fix-xitwa, dawn ir-rotot ser ikunu aktar spissi. Rigward l-ismijiet tal-Bus Stops fi Triq il-Wied li huma msemmijin ħażin għas-Swatar, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat lill-uffiċċjal tat-TM sabiex dawn jinbiddlilhom l-isem. Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.13** **Fuq punt 3.14 –** Ara deċiżjoni tal-Kumitat fuq **punt 3.3.1.** Korsijiet tal-Kompjuter

**3.14** **Fuq punt 3.16 –** Waqt il-laqgħa tal-25 ta' Lulju 2011, il-Kumitat mar fuq il-post sabiex jara l-problema tal-*isleeping policeman* fejn instab li kienet qed tagħmel l-istorbju kull darba li tgħaddi karozza għax hemm tappiera ħdejha eżatt. Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima

3.14.1 Wara diskussjoni waqt il-laqgħa, il-Kumitat iddeċieda li:

1) Tinżel l-isfel fejn iċ-*Chairperson* qalet li diġa hemm tlett familji li jaċċettaw li ssir quddiemhom;
2) Jinġabru l-firem ta' dawk ir-residenti li aċċettaw;
3) Isiru t-Tabelli tal-ispeed sabiex is-sewwieqi jkunu notifkati b'kemm speed tista' tgħaddi mit-triq. Dawn għandhom jitwaħħlu wara li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iġib approvazzjoni mit-TM.

**3.15** **Fuq punt 3.17 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellux ċans jikkuntattja lis-Sinjura Maria Schembri tal-MEUSAC. Skemi.

## 4. Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti - *Supply and Installation of Artificial Turf at Triq Il-Balliju ta' Guttenberg, Playing Area, Msida;*

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda iż-żewġ offerti li ntefgħu. Dawn kienu: Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti.

1) JGC Ltd. bil-prezz ta' €31,129.00
2) Three Eight Nine Co. Ltd. bil-prezz ta' €38,957.50.

4.1.1 *Administrative Compliant Stage* – L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta sommarju b'forma ta' lista ta' dokumenti jew informazzjoni li kienu rikjesti mit-tender u x'issottomettew l-offerenti. Irriżulta li l- *Administrative Compliant Stage*

JGC Ltd. issottometta d-dokumenti kollha barra waħda u t-Three Eight Nine Co. Ltd. ma ssottometta kważi xejn u saħansitra l-anqas il-Bid-Bond. Il-Bid Bond kienet rikjesta mit-tender u jekk ma tiġix preżentata, l-offerta tiġi awtomatikament skwalifikata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab li l-Kumitat jiċċekkja mad-dokumenti li l-lista kienet korretta.

4.1.2 Il-Kumitat ikkonferma li l-lista kienet korretta u ddeċieda li l-Kumpanija Three Eight Nine Co. Ltd. tiġi skwalifikata minħabba nuqqas ta' dokumenti u allura ma kienitx *Administrative Compliant*. JGC Ltd. kienet meqjusa bħala *Administrative Compliant* u għaddiet għal fażi ta' evalwazzjoni tal-prezz.

4.1.3 *Price Eveluation Stage* – Il-Kumitat iddeċieda li l-prezz ta' €31,129,00 li ssottometta l-JGC Ltd huwa prezz għoli li l-Kumitat m'għandhux fondi biżżejjed biex isir il-proġett b'dak il-prezz u għaldaqstant iddeċieda li tintbagħat email lill-JGC Ltd. sabiex jiġi mistoqsi jekk ma jistgħax joffri *discount* fuq il-prezz mitfugħ.

*Price Eveluation Stage*

## 5. Korrispondenza

**5.1 Emails bejn il-Membri -** Dar fi Triq Ġuże Ellul Mercer fejn resident qabad u żebgħah spazju ta' parkeġġ bl-ittri MC.

Triq Ġuże Ellul Mercer – parkeġġ MC.

5.1.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja jekk flok spazju ta' mutur jistax ikun hemm spazju ta' karozza.

**5.2 Email datata – 22/06/2011 minn ZAK –** Qed jitolbu permess sabiex ikollom xi toroq magħluqa meta jorganizzaw xi tip t'attivitajiet.

Korispondenza ZAK

5.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li għandhom jinfurmaw lill-Kumitat bid-dettalji minn qabel sabiex jiġi nfurmat l-Kunsill rispettiv jew jintalbu permessi meħtieġa, jekk ikun il-każ, mit-Transport Malta.

**5.3 Email datata – 09/08/2011 minn Dar il-Kaptan (intbagħtet mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara) –** Qed jitolbu permess biex Triq it-Torri tingħalaq nofsha u ma jkunx hemm parking f'dik in-naħa nhar id-29 t'Awwissu 2011 bejn it-8:30am u t-3:30pm sabiex tiġi organizzata *Car Wash*.

Korispondenza Dar il-Kaptan

5.3.1 Il-Kumitat ma sab ebda oġġezzjoni biex il-permess joħroġ.

## 6. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**6.1** Is-Sur Mario Xuereb qal li l-laqgħat tal-Kumitat qed ikun wisq imbegħdin minn xulxin. Għandhom isiru tal-inqas kull tlett ġimgħat sabiex il-laqgħa ma ddumx. Il-Kumitat qabel mal-proposta.

Laqgħat tal-Kumitat

## 7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**7.1** Iċ-*Chairperson* qalet li saret l-ispezzjoni tal-playing field fi triq il-Balliju ta' Guttenburg mill-MSA fejn għandhom jibgħatu rapport x'sabu. Kif ir-rapport jasal, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu

Spezzjoni tal-Playing Field mill-MCA.

jevalwa x'hemm li għandu bżonn jitranġa u jekk ikun hemm il-bżonn, japplika għall-iskema permezz ta' Memo 66/2011 sabiex il-Kumitat jirċievi l-fondi biex ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa skont ir-rapport.

**7.2** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kumitat għandu għas-sena d-dieħla jaħseb sabiex jorganizza attivita' Kulturali u talbet sabiex il-Membri jiġu bl-idejat waqt il-laqgħa li jmiss. Attivita' Kulturali għas-sena 2012.

**7.3** Iċ-*Chairperson* qalet li fid-29 ta' Lulju 2011, hi u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas Sur Aldo Ellul tal-Awtorita' tad-Djar rigward id-devoluzzjoni tal-garaxx fi Triq Anthony Sammut. Il-kera tal-garaxx ser tkun tiswa €838.30 fis-sena wara *discount* ta' 40%. Irid jiġi nstallat mill-ġdid il-meter tad-dawl u l-ilma u l-ispejjeż joħroġhom il-Kumitat. Fl-aħħar nett irid ikun hemm polza ta' assigurazzjoni fuq il-bini. Jekk il-Kumitat japprova, is-Sur Ellul jista' jipprepara l-*agreement*. Devoluzzjoni tal-Garaxx fi Triq Anthony Sammut.

7.3.1 Il-Kumitat approva unanimament.

**7.4** Iċ-*Chairperson* qalet li t-taraġ li jgħati għat-Triq il-Wied qed ikun spiss bil-ħmieġ. Is-Sur Mario Xuereb staqsa x'ġara mill-proġett ta' manutenzjoni li kellu jsir fuq dan it-taraġ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li t-talba inbagħtet lill-perit tal-Kunsill ta' Birkirkara sabiex issir applikazzjoni lill-UIF. Taraġ ta' Valley Road

7.4.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja fiex wasslet l-applikazzjoni lill-UIF.

## 8. Għeluq

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8pm. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.2** | **Fuq punt 3.2** *Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Jitwessa l-parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg kif ukoll issir rampa. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.3** | **Fuq punt 3.3** Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | Issir laqgħa mal-Kunsill ta' Birkirkara kollu sabiex jiġu diskussi *issues* li jolqtu kemm il-Kumitat Amministrattiv kif ukoll il-Kunsill u din il-materja tiġi diskussa dak in-nhar stess. | Kumitat, KAS |
| **3.4** | **Fuq punt 3.4** Problema ta' Parkeġġ ġewwa s-Swatar. | Issir laqgħa mal-Kumpanija Firetech fejn barra l-Kumitat, ikun hemm ukoll il-Kappillan Fr Gordon. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.5** | **Fuq punt 3.5** Siti Perikolużi. | Il-Kumitat iddeċieda li jekk jibqa' ma jsir xejn sa ħmistax 'l ġurnata oħra, issir *press conference*. Il-Kumitat iddeċieda wkoll li s-sit perikoluż fil-kantuniera ta' Triq il-Qampiena, għalkemm tneħħa l-periklu, dan ma sarx kif suppost u għandu jiġi rrapurtat lill-MEPA. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.6** | **Fuq punt 3.6 –** Attivita' fis-Swatar | Jiġi kkonfermat jekk mhux ser issir l-attivita' ta' Settembru 2011 li kellha tiġi organizzata mil-Kunsill ta' Birkirkara. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.7** | **Fuq punt 3.7** Kunsill taż-Żagħżagħ | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntattja lis-Sinjura Vanessa sabiex il-Kumitat jiltaqa' magħha rigward il-Kunsill taż-Żagħżagħ. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.8** | **Fuq punt 3.9** Taffiku quddiem is-St Martins College. | Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jġib aġġornament fuq f'hiex wasal il-proġett. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.9** | **Fuq punt 3.10** Kampanja BLS | S-Sur Xuereb għandu jiċċekkja jekk il-*press conference* tistax issir fid-9 ta' Settembru 2011. Din għandha ssir fis-sala tal-Kunsill tal-Imsida. | Mario Xuereb |
| **3.11** | **Fuq punt 3.13** Traffic Management | Dawn għandhom jintbgħatu lit-TM għall-approvazzjoni fejn fl-istess email jiġu kkupjati l-Kunsilli rispettivi. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.13** | **Fuq punt 3.14** Korsijiet tal-Kompjuter | Ara deċiżjoni tal-Kumitat fuq **punt 3.3.1.** | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3.14** | **Fuq punt 3.16**<br>Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima | 1) Tinżel l-isfel fejn iċ-*Chairperson* qalet li diġa hemm tlett familji li jaċċettaw li ssir qudiemhom;<br>2) Jinġabru l-firem ta' dawk ir-residenti li aċċettaw;<br>3) Isiru t-Tabelli tal-ispeed sabiex is-sewwieqi jkunu notifkati b'kemm speed tista' tgħaddi mit-triq. Dawn għandhom jitwaħħlu wara li l-Aġent Segretarju jġib approvazzjoni mit-TM. | Kumitat, KAS |
| **3.15** | **Fuq punt 3.17**<br>Skemi | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntattja lis-Sinjura Maria Schembri MEUSAC sabiex jara kif il-Kumitat jista' jgħamel sabiex japplika għall-fondi mill-EU biex jissewew il-ħitan tas-sejjiegħ u jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-*playing fields*. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1.1 | Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti. | Tintbagħat email lill-JGC Ltd. sabiex jiġi mistoqsi jekk ma jistgħax joffri *discount* fuq il-prezz mitfugħ. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | Triq Ġuże Ellul Mercer – parkeġġ MC. | L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja jekk flok spazju ta' mutur jistax ikun hemm spazju ta' karozza. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.1** | Spezzjoni tal-Playing Field mill-MCA. | Kif ir-rapport jasal, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jevalwa x'hemm li għandu bżonn jitranġa u jekk ikun hemm il-bżonn, japplika għall-iskema permezz ta' Memo 66/2011 sabiex il-Kumitat jirċievi l-fondi biex ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa skont ir-rapport. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.2** | Attivita' Kulturali għas-sena 2012. | Il-Membri jiġu bl-idejat waqt il-laqgħa li jmiss. | Membri |
| | Devoluzzjoni tal-Garaxx fi Triq Anthony Sammut. | Il-Kumitat aprova unanimament. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.4** | Taraġ ta' Valley Road | Jiċċekkja fiex wasslet l-applikazzjoni lill-UIF. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Edukazzjoni mill-Qari | Din it-temgħa tissemma waqt il-laqgħa pubblika sabiex il-Kumitat jara l-interess li hemm kif ukoll jara jekk ma jsibx xi volontarji li lesti li jagħmlu l-iStory Telling. | Laqgħa Pubblika |
| | Laqgħa Pubblika | Il-laqgħa pubblika għandha ssir fl-14 t'Ottubru 2011, fis-6pm ġewwa s-Sala Parrokjali San Ġorġ Preca. | Laqgħa Pubblika |
| | Toroq bla isem | Dan l-item għad irid jiġi diskuss. | Kumitat |